**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 992/2013 AF**

**Antonia Fenech**

**vs**

**Emmanuel Fenech u**
**Darren Fenech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mir-rikorrenti li, in forza tieghu, ppremettiet in succint illi:

1. hija tinstab ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn zewgha Emmanuel Fenech u dana rizultat ta' zewg kawzi li jinstabu pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

2. illi l-intimat Darren Fenech huwa wiehed minn ulied il-kontendenti konjugi Fenech;

3. illi r-rikorrenti wirtet minghand ommha razzett bin-numru 63, Ta’ Brija Road, Siggiewi u ghalqa wara l-imsemmi razzett li llum ghandu l-access tieghu minn Triq il-Qiegha, Siggiewi, liema razzett u art kienet debitament denunzjata wara l-mewt ta’ ommha u liema art saret proprjetà tar-rikorrenti bhala l-uniku wild ta’ ommha u missierha;

4. Illi fiz-zwieg taghha, ir-rikorrenti ttrasferiet u ddonat id-dar 63, Triq ta’ Brija, Siggiewi, fejn meta sar l-kuntratt ta’ donazzjoni bejn Antonia Fenech u Darren Fenech, Emmanuel u Antonia konjugi Fenech kienu gja bnew id-dar il-gdida bin-numru 63;

5. Illi fiz-zwieg, il-konjugi Fenech applikaw sabiex jaghmlu fabbrika ghal manifatturar ta’ ghagin u guest hall, liema access ghall fabbrika u ghal guest hall kien minn 13 u 16, Triq il-Qiegha, Siggiewi fejn il-konjugi Fenech xtraw zewg garaxxijiet sabiex jinfdu l-bqija tal-proprjeta li akkwistat b’wirt Antonia Fenech minghand ommha;

6. Illi ghalhekk id-dar 63, Ta Brija Road, Siggiewi ma kellhiex access ghall fabbrika;

7. Illi tant dan huwa minnu u dawn huma l-fatti li l-konjugi Fenech bnew il-fabbrika u l-guest hall u anki applikaw ghall-permessi u licenzji tal-fabbrika bl-isem “Pasta Star Special” liema permessi kienu fuq ir-rikorrenti;

8. Illi kwindi r-rikorrenti ddonat biss id-dar li bnew il-konjugi Fenech 63, Ta’ Brija Road Siggiewi u liema dar qatt ma kellha access ghall fabbrika u ghal guest hall;

9. Illi d-dar 63 gja 27 Ta Brija Road, Siggiewi, ir-rikorrenti ddonat lill-intimat Darren Fenech liema dar inbniet fuq parti biss mill-art li r-rikorrrenti wirtet minghand ommha u meta giet trasferita din id-dar ma kien hemm ebda access bejn il-bitha fuq wara tad-dar 63 u l-plot/fabbrika ma kienx jaghmel parti mid-dar u dana peress lill-fabbrika kienet il-post fejn l-konjugi Fenech kien ghad kellhom il-business ta’ manifatturar ta’ ghagin hemm gew u kellhom ukoll il-guest hall;

10. Illi recentement u senjatament bejn l-10 ta' Gunju 2013 u s-16 ta' Gunju 2013 b'mod abbuziv u illegali bi vjolenza u bis-satar tar-rikorrenti, l-intimati jew min minnhom waqqghu l-hajt tal-appogg bejn il-bitha tad-dar proprjetà ta' Darren Fenech u l-fabbrika;

11. Illi dan ix-xoghol sar b'mod abbuziv u illegali u sar mill-intimati sabiex tigi skappricjata r-rikorrenti mill-proprjetà taghha;

12. Illi r-rikorrenti intavolat ittra ufficjali nhar l-20 ta' Gunju 2013 u kellha tintavola din il-kawza wara l-inadempjenza u nuqqas ta' koperazzjoni mill-intimati.

Talbet li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li r-rikorrenti hija l-proprjetarja tal-art u bini li jinsab fuq din l-art li tinstab fuq wara tal-fond 63 gja 27, Ta Brija Road Siggiewi liema art wiehed jaccedi ghalih mill-garaxxijiet 13 u 17, Triq il-Qiegha, Siggiewi, u dan prevja u jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

2. Tiddikjara li l-hajt imberfel bl-isfar u indikat bhala "ST" fil-pjanta annessa bhala Dok Y 12 huwa hajt tal-appogg bejn il-fond 63 gja 27, Ta' Brija, Siggiewi, u l-fondi 13 u 17, Triq il-Qiegha, Siggiewi u dan prevja u jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tiddikjara li l-intimati u/jew min minnhom b'mod abbuzziv u illegali hattew u ghamlu fetha fil-hajt tal-appogg bejn il-fond 63 gja 27, Triq ta' Brija, Siggiewi u l-hajt tal-appogg tal-fondi li jinstabu iktar 'il gewwa u li wiehed jaccedi ghalihom mill-garaxxijiet 13 u 17, Triq il-Qiegha, Siggiewi;

4. Tordna lill-intimati jew min minnhom, okkorrendi bl-ghajnuna ta' periti nominandi, sabiex f'terminu qasir u perentorju, jibnu l-hajt tal-appogg u jaghlqu ghal dejjem l-access mill-fond 63 gja 27, Ta Brija Road, Siggiewi. Fin-nuqqas li l-intimati jaderixxu ma' din it-talba entro terminu qasir u perentorju li tordna l-Qorti, tawtorizza lir-

rikorrenti sabiex dan ix-xoghol isir mir-rikorrenti, taht is-sorveljanza tal-istess periti nominandi a spejjez tal-intimati jew min minnhom.

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra ufficjali tat-20 ta' Gunju 2013 kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

Rat l-elenku tad-dokumenti u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata ta' Darren Fenech li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija dezerta ai termini tal-artikolu 963(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-procedura bil-miktub ma gietx maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur minkejja l-ordnijiet ta' dina l-Onorabbli Qorti ghan-notifiki tal-konvenuti;

2. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikors guramentat huwa null u l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-istess rikors ma jikkontjenix tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba kif irid l-Artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma kontradittrorji ghal xulxin u sussegwentement ma jistghux jintlaqghu;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent huwa s-sid esklussiv tal-fond numru 63, Triq Ta' Brija, Siggiewi, liema fond jestendi mill-entratura tieghu fi Triq Ta' Brija, Siggiewi sal-appogg (illum miftuh) mal-garaxxijiet numru 13 u 17 li jinstabu fuq rara tal-fond;

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent ghandu f'idejh il-pussess tal-fond

numru 63, Triq Ta' Brija, Siggiewi fl-intier tieghu u kif ukoll tal-garaxxijiet li jmissu mieghu min-naha ta' wara;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma hatt u ma ghamel ebda fetha fil-hajt tal-appogg bejnu l-fond numru 63 u l-garaxxijiet numru 13 u 17 u lanqas fil-hajt immarkat ST fil-pjanta prezentata flimkien mar-rikors guramentat;

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hajt indikat mill-attrici bhala ST fil-pjanta prezentata minnha flimkien mar-rikors guramentat taghha mhuwiex il-hajt tal-appogg bejn il-fond numru 63, Triq Ta Brija, Siggiewi u l-garaxxijiet u lanqas biss qatt ezista;

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat Darren Fenech.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Emmanuel Fenech li, in forza taghha, eccepixxa:-

1. l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti, stante li l-lanjanza sollevata mir-rikorrenti hija kompriza u involute fil-likwidazzjoni tal-komunjoni u assi ohrajn tal-konjugi Fenech, meritu tal-kawza tas-separazzjoni legali pendenti bejniethom;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti bl-ebda mod ma ghandu l-pussess tal-fond numru 63, Triq Ta' Brija, Siggiewi, u lanqas ma ghamel xi fetha fil-hajt tal-appogg bejn il-fond imsemmi u l-garaxxijiet numru 13 u 17, fi Triq il-Qiegha, Siggiewi. Il-Hajt 'ST' muri fil-pjanta esebita mir-rikorrenti qatt ma' ezista.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat Emmanuel Fenech.

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw.

Rat in-noti ta' riferenzi tal-intimati Emmanuel Fenech u n-nota responsiva tar-rikorrenti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal sentenza preliminari ghal-lum.

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza preliminari abbazi tal-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-intimat Emmanuel Fenech u cioe' li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza sabiex tikkonsidra t-talbiet tar-rikorrenti stante li l-lanjanza hija kompriza u involuta fil-likwidazzjoni tal-komunjoni u assi ohrajn tal-konjugi Fenech mertu tal-kawza tas-separazzjoni legali pendenti bejniethom. L-intimat Emmanuel Fenech, ghalhekk, jikkontendi li l-kompetenza taqa' taht il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u mhux quddiem din il-Qorti.

L-intimat Emmanuel Fenech ma ressaqx provi fuq din l-eccezzjoni, u ghalhekk il-fatti kif jemergu mir-rikors promotur u d-dokumenti hemm annessi mieghu, mir-risposta u mit-trattazzjoni orali huma s-segwenti:

1. Bejn ir-rikorrenti u l-intimat Emmanuel Fenech hemm proceduri ta' separazzjoni in corso;

2. Permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Frar 2005 [a fol 24] ir-rikorrenti kkoncediet b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lil binha l-intimat Darren Fenech l-fond urban bin-numru 63 maghruf ukoll bin-numru 27, fi Triq ta' Brija, Siggiewi versu c-cens u bil-kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt. Minn dan il-kuntratt ma tirrizultax provenjenza ghaliex il-kopja esebita mhijiex wahda kompleta;

3. Ir-rikorrenti fil-kwalità taghha ta' eredi kienet ghamlet denunzja tas-successjoni ta' ommha Paola Muscat li kienet

mietet fit-28 ta’ Settembru 1969 kif jidher mid-dokumenti a fol 21 et seq tal-process.

Ikkunsidrat:

L-Artikolu 32(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra hekk:

> *“Il-Qorti Civili taqta’ l-kawzi kollha ta’ natura civili jew kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom.”*

L-Avviz Legali 397 tal-2003, kif emendat bl-Avvizi Legali 9 tal-2004, 181 u 186 tal-2006, 370 u 386 tal-2011, u 111 tal-2012, jinkludi l-Ordni ta’ Twaqqif ta’ Sezzjonijiet tal-Qrati Civili, fl-Iskeda tieghu. L-artikolu 6 ta’ din l-Iskeda jippreskrivi illi:

> *“Lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja.”*

L-artikolu 4 ta’ din l-Iskeda meta jitkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II, u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Regolament Nru. 8 imbaghad jipprovdi testwalment illi:

> *“Meta jkun hemm nuqqas ta’ qbil dwar jekk kawza ghandhiex tigi assenjata lil xi Sezzjoni wahda jew ohra tal-Qorti Civili, jew meta kawza tkun tinvolvi iktar minn kategorija wahda skond ma ghandhom jigu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili, il-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-Prim Imhallef li ghandu imbaghad, in camera, jiddeciedi dwar liema Sezzjoni ghandha tigi assenjata l-kawza. Id-decizjoni tal-Prim Imhallef ghandha tigi registrata fl-atti tal-kawza u tkun wahda finali.”*

In vista tal-eccezzjoni preliminari tal-intimat, Emanuel Fenech ghalhekk, tiskatta s-sitwazzjoni ravvizata fil-fuq citat Regolament 8 li permezz tieghu d-decizjoni dwar kompetenza

ghandha tigi mhollija f'idejn il-Prim Imhallef.  Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fil-kawza AB vs CDB (10 ta' Dicembru 2014).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni ta' Emanuel Fenech billi, ai termini tar-regolament Nru. 8 tal-Avviz Legali Nru. 9 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 12.19), tirreferi l-kwistjoni sollevata bl-istess eccezzjoni lill-Prim Imhallef ghad-decizjoni finali tieghu.  Ghal dan il-ghan, il-Qorti tirremetti l-atti lir-Registratur tal-Qorti sabiex tigi segwita l-procedura stipulata bil-fuq imsemmi regolament numru 8.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG